# dawl franġiskan

IT-TMIEN SENA
MEJJU 1988
GĦADD 80




Intervista lil
Mons. PAWLU DARMANIN
Isqof tad-Djoċesi Garissa – Kenja

LEĦEN IL-KAPUĊĊINI MALTIN

# MARIJA:
# L-Għaxqa tat-Trinità Qaddisa

Manuel
Micallef
ofmCap





"FIL-PJAN tat-Trinità Qaddisa għas-salvazzjoni, bil-misteru ta' l-Inkarnazzjoni *seħħet fuq li seħħet il-wegħda* li Alla għamel lill-bniedem wara l-ewwel dnub" (Ġn. 3,15) (Omm il-Feddej n.11).

Dan l-ewwel dnub tellef lill-bniedem ir-relazzjoni ta' intimità li kellu mal-Ħallieq tiegħu u mal-bqija tal-ħolqien, intimità li kienet l-iskop li għalih Alla ħalqu. Alla, fil-ħniena u l-imħabba tiegħu, ippjana strateġija ta' salvazzjoni. Din l-istrateġija kellha ssib il-quċċata tagħha fil-miġja umli ta' Bin Alla l-Etern. F'dan il-pjan, Alla ried **Omm** għal Ibnu l-Maħbub. Hu għażel lil waħda tfajla ta' oriġini umli. *Jisimha Mirjam (Marija).*

Marija sabet *"grazzja quddiem Alla"*, igħid l-Anġlu Ħabbâr. Għaliex sabet grazzja? Fi kliem ieħor, għaliex Alla ħa grazzja magħha? Darba fost l-oħrajn, Ġesù stqarr li *"min bagħatni huwa miegħi, ma telaqnix waħdi, għax jiena dejjem nagħmel dak li jogħġob lilu" (Ġw. 8,29)*. Nistgħu ngħidu f'Marija, Omm Ġesù, l-istess ħaġa. Peress li hi dejjem għamlet dak li jogħġob 'l Alla, Alla qatt ma ħalliha waħedha, dejjem kien magħha. Iva, Marija hija l-ubbidjenti, il-qaddejja umli tal-Mulej. Il-Missier għaraf li Marija kienet tikkopera mal-grazzji li jagħtiha. U din l-imġieba hi ħafna għall-qalb ta' Alla. Marija kienet tpoġġi 'l Alla u l-interessi tiegħu qabel tagħha. Il-Missier tal-glorja induna faċilment li Marija kienet tħobbu b'qalbha kollha, b'ruħha kollha u b'saħħitha kollha. Hi kienet iżżomm f'qalbha l-kliem u l-kmandamenti li Alla kien ordna fil-Patt il-Qadim. U għalhekk Alla berikha b'din il-grazzja speċjali: il-maternità divina.

■ ***Ir-relazzjoni ta' Marija mal-Missier kienet dik ta' bint ubbidjenti, fiduċjuża u maħbuba.***

Marija, tqila b'Ġesù, marret tħaffef biex tgħin lil qaribitha Eliżabetta li kienet waslet fis-sitt xahar tat-tqala tagħha. Hawn naraw indikazzjoni ta' x'tip ta' mara kienet u x'tip ta' omm għad tkun. Aħna lmaħna f'Marija mara li tqiegħed l-interessi ta' Alla qabel tagħha. Hawn naraw li Marija tqiegħed l-interessi tal-proxxmu qabel l-interessi tagħha. Lil Ġesù, hi għallmitu (bħala bniedem) l-imħabba tal-proxxmu fil-bżonn, li timxi 'il hemm min-neċessarju biex tgħin u taqdi lil min jeħtieġ. Għallmitu jħobb il-Festi li jfakkru s-salvazzjoni ta' Israel. Iktar tard meta Ġesù ġie kkonsagrat biex iwassal il-Bxara t-Tajba lill-fqajrin, hi saret dixxiplu tiegħu billi telqet kollox u mxiet warajH kullimkien.

■ ***Ir-relazzjoni ta' Marija ma' l-Iben ta' ALLA kienet dik ta' omm għaqlija u dixxiplu.***

Marija, ferħana, kienet titlob ma' l-Appostli u tistenna l-Qawwa ta' l-Għoli tgħatti lill-Knisja kif wiegħed Ġesù, kif hi nnifisha kienet mgħottija sa minn xbubitha. Marija, Bint Sijon, stenniet it-twelid ġdid ta' Sijon. Marija taf xi tfisser tkun kontinwament mimlija bl-Ispirtu s-Santu, kontinwament imfarrġa u mmexxija mill-Ispirtu ta' Alla u stenniet li tara oħrajn bħalha biex tkun tista' fl-aħħar taqsam l-esperjenzi tagħha magħhom. Tistgħu timmaġinaw x'rażan u x'kontroll fuqha nfisha kellha tħaddem. Hi t-Tempju ta' l-Ispirtu tal-Qdusija, hi Omm Ġesù u ma tista' tgħidu ma' ħadd (speċjalment meta romlot): sakemm oħrajn saru Tempju ta' l-Ispirtu, sakemm oħrajn għaddew mill-esperjenza tagħha li tħaddan lil Ġesù u tagħrfu b'Mulej. Marija wriet fiha s-sinjali kollha ta' l-abitazzjoni ta' l-Ispirtu s-Santu. Dawn is-sinjali jissejħu frott minn San Pawl (Gal. 5,22–23).

■ ***Ir-relazzjoni ta' Marija ma' l-Ispirtu s-Santu kienet dik ta' qaddejja li rħiet ir-riedni ta' ħajjitha f'idejH, ħallietu jiffurmalha l-karattru tagħha u jiffurmalha moħħ kbir biżżejjed biex jaċċetta l-pjan ta' Alla għaliha.***

*Missier maħbub, nirringrazzjawk li għamiltna wliedek. Għat-talb ta' Ommna Marija, seħibna fit-tbatijiet ta' Ġesù Ibnek biex nesperjenzaw ukoll il-qawwa tal-qawmien tiegħu u nkunu mmexxija mill-Ispirtu Qaddis tagħkom.*

## F'DIN IL-ĦARĠA

**B'aktar kalma jkollna anqas inkwiet**
*Editorjal* ........ 2

**L-Imħabba skond il-ħsieb ta' Alla**
*Joe Alessandro* ........ 3

**Infaħħru dejjem lill-Mulej**
*Philip Cutajar* ........ 7

**Mixja Marjana mill-O.F.S. f'Għawdex**
*Kronista* ........ 8

**mid-djarju tal-provinċja**
**Laqgħa ta' CECMS f'Malta**
**Pontifikal: Tifkira ta' Egħluq l-400 sena mill-wasla tal-Kapuċċini f'Malta**
*Kronista* ........ 9

**Il-Kunvent tal-Kapuċċini fil-Kalkara (puntata II)**
*Ġużepp Garzia* ........ 10

**Intervista lil Mons. Pawlu Darmanin, Isqof ta' Garissa**
*Leonard Falzon* ........ 14

**Il-Formazzjoni ta' Qalb iż-Żgħażagħ tagħna**
*Manwel D. Schembri* ........ 18

**Is-Skiet: Il-qofol ta' kull virtù**
*Dun Karm Bezzina* ........ 20

**Marija: l-Għaxqa tat-Trinità Qaddisa**
*Manuel Micallef* ........ Qoxra II

**Jum l-Omm: Awg**
*Direzzjoni* ........ Qoxra III

ĠOZO CATHEDRAL
PARISH CENTRE
DONATED BY

### QOXRA I

XBIEHA tal-Madonna tar-Rużarju meqjuma fis-Santwarju ta' Pompej – Rabat, Għawdex. Dan is-Santwarju ddedikat lill-Madonna tar-Rużarju, iġib l-isem ta' *'Pompej'* minħabba d-devozzjoni lejn il-Madonna taħt it-titlu tar-Rużarju f'subborg tal-belt ta' Napli (Italja), li jġib l-isem ta' Pompei. Din id-devozzjoni nbdiet minn Bartolo Longo fost il-bdiewa ta' dan il-post.

Mill-bidu tas-seklu XX, f'dan is-Santwarju tal-Madonna ta' Pompej, bdiet u kompliet tikber fil-gżira ta' Għawdex id-devozzjoni lejn din ix-xbieha tal-Madonna titulari taħt it-titlu ta' Pompej.

Ħajr lil Dun Albert Curmi, Rettur tas-Santwarju tal-Madonna ta' Pompej, li ġentilment silef lil *DAWL FRANĠISKAN* is-separazzjonijiet tal-kulur għal din il-qoxra.

**dawl franġiskan**

**Leħen il-Kapuċċini Maltin**
**It-Tmien Sena – Mejju – Nru. 80**

**BORD Editorjali**
Philip Cutajar
Joe Alessandro
Joe Zammit Ciantar
Leonard Falzon

**Direzzjoni u Amministrazzjoni**
Kunvent tal-Kapuċċini
Floriana – Malta
☎ **225525/234949**




**ĦLAS TA' L-ABBONAMENTI**

Il-ħlas għal sena ta' l-Abbonamenti fir-rivista **DAWL FRANĠISKAN**, li tasallek id-dar bil-posta, huwa ta' Lm2. Għal kull ħlas ta' Abbonament jew offerta oħra b'riżq din ir-rivista tintbagħtlek riċevuta. Grazzi.

**KORRESPONDENZA**

Kull korrispondenza (ittri, artikli jew tagħrif ieħor għal DAWL FRANĠISKAN għandha tiġi indirizzata lil:

Direzzjoni **DAWL FRANĠISKAN**
Kunvent tal-Kapuċċini
Furjana.

Id-Direzzjoni tirriserva d-dritt li tippubblika f'*Dawl Franġiskan* dawk l-artikli, ittri jew tagħrif ieħor li jidhrilha li jaqblu max-xejra tar-rivista.

Mitbugħ fil-*Gutenberg Press*, Żabbar

# B'aktar kalma anqas inkwiet



**W**IEĦED mill-aktar pariri prattiċi li jista' jingħata lin-nies ta' żmienna huwa proprju biex jirnexxilhom igħixu l-ġurnata. Ħafna mill-beżgħat, frustrazzjonijiet, konflitti, tensjonijiet u ribelljonijiet kontra l-ħajja jiġu mill-fatt li ma nkunux kapaċi nikkonċentraw l-attenzjoni u l-isforzi tagħna b'mod ġust biex ngħixu l-preżent, il-ġurnata.

Li tgħix il-ġurnata ma jfissirx li ma taħsibx għall-futur. Kull bniedem intelliġenti jħares 'il quddiem u jippjana bis-serjetà. Id-differenza hi, li ma toqgħodx taħseb *fil-problemi fittizji tal-futur*, dwar dak li jista' jinqala'. Hija xi ħaġa naturali li l-bniedem jaħseb fil-futur tiegħu. Dan huwa wieħed mid-doni ta' l-intelliġenza tagħna. Huwa mpossibbli li tgħix mingħajr tamiet u ħolm u pjanijiet.

- *Il marid jittama fil-fejqan.*
- *L-istudent joħlom bil-jum tal-gradwazzjoni.*
- *L-għarajjes jippjanaw għaż Żwieġ tagħhom.*
- *Il-fqir jittama li jistgħana.*

***Imma quddiem dan kollu rridu nitgħallmu li t-tamiet, il-ħolm u l-pjanijiet tagħna jseħħu billi ngħixu l-ġurnata, naħdmu fiha u nwettqu d-dmirijiet li toffrilna, mingħajr ma noqogħdu nitilfu l-ħin nippreokkupaw dwar x'jista' jiġri għada, xahar ieħor, sena oħra.***

***Il-bniedem tal-lum qed ikun maħkum minn ansjetà kbira dwar x'jista' jiġri fil-futur. Dan qed itellfu milli jkun bniedem kalm u seren fejn jieħu gost igħix il-preżent u japprezza l-ferħ li jista' jakkwista mill-iċken affarijiet tal-ġurnata. Nies maħkuma mit-tensjoni tal-futur qed jitilfu l-ferħ tal-ħajja għax qatt m'huma kuntenti b'dak li għandhom – imma jridu dejjem iżjed, iridu javanzaw aktar. L-ambizzjonijiet tal-futur idaħħluk f'insigurezza kbira fejn titlef il-kalma u l-gost tal-ġurnata.***

***Bil-għan li jirnexxilek tbiegħed minnek kull ansjetà tal-futur u tagħmel mill-ġurnata tal-lum l-isbaħ ġurnata ta' ħajtek, fittex li:***

- *taħseb kemm Alla kif ukoll id-dinja jistgħu faċilment jgħaddu mingħajrek. Meta tiġi nieqes Alla jibqa' jaħdem u d-dinja tibqa' ddur;*
- *trodd ħajr lil Alla għar-rigali sbieħ li ta fik u madwarek u agħraf apprezzahom billi tgawdihom u tagħmel użu tajjeb minnhom;*
- *taħseb fuq l-aktar ħaġa mportanti li hija mitluba minnek biex twettaqha kuljum: li tagħmel it-tajjeb;*
- *quddiem it-tbatijiet tal-ġurnata ħares lejn it-tbatijiet li sofra għalik Ġesù Kristu fil-passjoni u b'sens ta' kalma, agħraf iffaċċja l-problema bl-inqas paniku possibbli.*

**Il-Mulej jagħtikom is-Sliem.**

# L-Imħabba skond il-ħsieb ta' Alla

***X'inhu li jqanqal lin-nisrani ġġiegħlu jimpenja ruħu fil-ħidma ta' karità?***

***In-nisrani, qabel xejn, huwa dak il-bniedem li jemmen f'Alla li wera lilu nnifsu lilna permezz tal-Profeti fl-Antik Testment u b'mod konkret u fil-milja tiegħu permezz ta' Ġesù Kristu. Dan Alla tar-Rivelazzjoni wera lilu nnifsu bħala IMĦABBA.***



*Ġesù fiċ-Ċenaklu jagħti l-messaġġ ta' mħabba qabel ibati:* "Nagħtikom kmandament ġdid, li tħobbu lil xulxin" *(Ġw. 13,34).*

IL-KARITÀ, f'sens teoloġiku-bibliku, hija sinonimu ta' mħabba. *Karità* fil-Bibbja ma tfissirx biss għotjiet jew opri ta' beneficenza, jew inkella elemosina (*donazzjonijiet*), għalkemm dawn huma wħud mill-frott tagħha, iżda tfisser fuq kollox u tuti

- l-imħabba ta' Alla lejna l-bnedmin,
- l-imħabba tagħna lejn Alla,
- l-imħabba ta' bejnietna.

Aħna msejħin biex inħobbu. Dan hu l-kmandament il-kbir.

Għaliex aħna l-insara rridu nħobbu u nuru l-karità? L-għan ewlieni, li jiġbor fih diversi sfumaturi, insibuh fl-ewwel ittra ta' San Ġwann 4,7–21:

*"Egħżież, ejjew inħobbu 'l xulxin, għax l-imħabba ġejja minn Alla, u kull min iħobb hu mwieled minn Alla u jagħraf lil Alla. Dak li ma jħobbx ma għarafx lil Alla, għax Alla hu mħabba. B'dan dehret l-imħabba ta' Alla fina, għax Alla bagħat lil Ibnu l-waħdieni fid-dinja biex ngħixu bih. U hawn qiegħda l-imħabba: mhux għax aħna ħabbejna 'l Alla, imma għax ħabbna Hu u bagħat lil Ibnu biex ikun ta' tpattija għal dnubietna. Egħżież, jekk Alla ħabbna daqshekk, aħna wkoll għandna nħobbu lil xulxin. Lil Alla għadu ħad ma rah, imma jekk inħobbu 'l xulxin hu jgħammar fina, u mħabbtu ssib il-milja tagħha fina . . .*

*Alla hu mħabba, u min jgħammar fl-imħabba jgħammar f'Alla, u Alla fih . . . Jekk xi ħadd jgħid: 'Jiena nħobb*

***'l Alla', u jobgħod lil ħuh, dan ikun giddieb. Għax min ma jħobbx lil ħuh li jara, kif jista' jħobb lil Alla li hu qatt ma rah? Dan hu l-kmandament li tana hu: li min iħobb 'l Alla, iħobb ukoll lil ħuh."***

Din hi l-motivazzjoni ewlenija: *l-imħabba ta' Alla*, **permezz ta' Kristu**, *murija mal-proxxmu*. Biex nifhmu aħjar din il-motivazzjoni nieħdu tliet mudelli ta' mħabba ispirati minn din is-silta.

■ ALLA – **mudell**
Il-bniedem inħalaq xbieha ta' Alla. Il-motivazzjoni tan-nisrani li jħobb hija biex isir jixbah dejjem iżjed lil Alla, li hu l-istess imħabba. Aktar ma n-nisrani jħobb, aktar juri li hu ġej minn Alla: *"Min iħobb hu mwieled minn Alla."*

X'inhi din l-imħabba ta' Alla li fuqha n-nisrani jrid jimxi fil-prattika biex isir jixbah 'l Alla? L-imħabba ta' Alla mhix sentiment u lanqas sempliċi mġiba, iżda hija **azzjoni**, imħabba *attiva* u *dinamika*. Tant hu hekk li lil Alla nħarsu lejh bħala:

• **Alla Ħallieq:** *"kull min iħobb hu mwieled minn Alla"* (1 Ġw. 4,7). Alla wera l-imħabba tiegħu lejn il-bniedem billi ħalqu. Din hija l-unika motivazzjoni ta' Alla fil-ħolqien: it-turija ta' l-imħabba gratwita tiegħu: *"U hawn qiegħda l-imħabba: mhux għax aħna ħabbejna 'l Alla, imma għax ħabbna Hu"* (1 Ġw. 4,10).

• **Alla Ħellies:** Għalkemm it-tweġiba min-naħa tal-bniedem għal din l-imħabba kienet waħda ta' nuqqas ta' mħabba, Alla baqa' fidil fl-imħabba u wiegħed il-ħelsien. Permezz ta' l-għażla ta' Abraham, tal-ħatra ta' Mosè bħala l-mexxej tal-Poplu l-Magħżul, tal-ħruġ mill-Eġittu u tal-Patt ta' Ħbiberija (*Alleanza*) li għamel ma' dan il-Poplu, u tal-ħafna eghħgubijiet u ndħil għalih, Alla daħal fl-istorja u wera fil-konkret l-imħabba tiegħu lejn il-bniedem. L-imħabba ta' Alla hija **attiva**, dejjem lesta li tidħol fejn hemm bżonn, li taqbeż għall-batut, għall-fqir, għall-magħkus, għall-imwarrab.

• **Alla Ħanin:** *"Imma int Alla taħfer, ħafif biex tħenn, bil-mod biex tagħdab, imma tħenn ħafna, għalhekk int ma tlaqtħomx wehidhom"* (Neh. 9,17). Wara lista ta' x'għandu jagħmel in-nisrani: iħobb l-egħdewwa, jagħmel il-ġid, jislef mingħajr mgħax. San Luqa jħeġġeg lill-insara: *"Ħennu bħalma hu ħanin Missierkom"* (6,36).



Din l-imħabba daqshekk konkreta ta' Alla lejn il-bniedem titlob tweġiba daqstant ieħor konkreta mill-bniedem: *"Ħobb, mela, lill-Mulej, Alla tiegħek, b'qalbek kollha, b'ruħek kollha u b'saħħtek kollha"* (Dt. 6,5).

*"Egħżież, jekk Alla ħabbna daqshekk, aħna wkoll għandna nħobbu lil xulxin"* (1 Ġw. 4,11). Din hi l-ewwel sfumatura tal-motivazzjoni li għaliha għandna nidħlu għall-ħidma ta' karità nisranija: **GĦAX ALLA ĦABBNA DAQSHEKK.**

■ **KRISTU – mudell**
Il-milja ta' din ir-rivelazzjoni ta' l-imħabba ta' Alla lejna l-bnedmin dehret f'Ibnu Ġesù Kristu. Dak li jiddistingwi l-karità nisranija mill-karità filantropika jew mit-'tjubija' ta' reliġjonijiet oħra kbar mhux insara, bħalma huma l-buddiżmu, l-indujiżmu u l-islam, huwa **KRISTU**. Kristu huwa l-*għajn*, il-*qalba* u l-*għan* ta' kull ħidma ta' karità fil-ħajja nisranija. Huwa permezz tal-fidi fi Kristu u ta' l-għaqda miegħu li n-nisrani jkun kapaċi jħobb lill-proxxmu l-istess bħalma Kristu ħabb lill-proxxmu u għadu jħobbu.

Kristu huwa l-mudell għax permezz tiegħu Alla wriena l-milja ta' l-imħabba tiegħu: *"B'dan dehret l-imħabba ta' Alla fina, għax Alla bagħat lil Ibnu l-waħdieni fid-dinja biex ngħixu bih"* (1 Ġw. 4,9). Din l-imħabba ta' Alla ġiet inkarnata, ġiet imlibbsa l-laħam, saret bniedem, saret ġrajja storika. Kristu ġie b'missjoni partikulari ta' medjatur biex juri l-imħabba kbira u l-għaqda li teżisti bejnu u l-Missier: *"Jiena u l-Missier, aħna ħaġa waħda"* u bejnu u bejna: *"Jiena ġejt biex insalva lid-dinja"* (Ġw. 12,47); *"Kull min jemmen fija ma jmut qatt"* (Ġw. 11,26); *"biex ikunu ħaġa waħda bħalma aħna ħaġa waħda"* (Ġw. 17,21).

Jekk hu veru li l-ħajja nisranija hija l-kontinwazzjoni tal-ħajja ta' Kristu fina l-insara, il-karità tagħna mhix biss imitazzjoni tal-karità ta' Kristu, iżda, aktar fil-fond,

hija s-sehem (*parteċipazzjoni*) minn din il-karità u l-kontinwazzjoni tagħha. Ma nistgħux inħobbu kristjanament, jekk mhux permezz ta' Kristu u fi Kristu.

• **Lil min ħabb Kristu?** Lil kulħadd. Iżda ma baqax fl-ajru. San Luqa fil-Vanġelu jgħidilna li kellu preferenza lejn il-fqar, lejn l-imjassrin u l-maħqurin::

***"L-Ispirtu tal-Mulej fuqi, għax hu kkonsagrani biex inwassal il bxara t-tajba lill-fqajrin. Bagħatni nħabbar il-ħelsien lill-imjassrin u d-dawl mill-ġdid lill-għomja, irrodd il-ħelsien lill-maħqurin u nxandar sena tal-grazzja tal-Mulej" (4,18).***

***"Morru agħtu lil Ġwanni l-aħbar ta' dak li rajtu u smajtu: kif il-għomja qegħdin jaraw, iz-zopop jimxu, l-imġiddmin ifiqu, it-torox jisimgħu, il-mejtin iqumu, u kif il-Bxara t-tajba qiegħda tixxandar lill-fqar" (7,22).***

***"Henjin intom il-foqra, għax tagħkom hi s-Saltna ta' Alla" (6,20) (l-ewwel beatitudni).***

San Luqa jiġbor diversi parabboli u tagħlim ieħor biex juri l-periklu li wieħed ikun jinsab fih jekk ma jaqsamx ma' l-oħrajn il-ġid li jkollu. Fosthom insibu:

- il-parabbola tar-raġel għani (12,13–21);
- il-parabbola ta' l-għani u Lazzru (16,19–31);
- il-ġrajja ta' Zakkew (19,2–10);
- il-parabbola tas-samaritan it-tajjeb (10,30–37).

• **Kif ħabb Kristu?** Permezz ta' din l-aħħar parabbola, Kristu jqiegħed quddiemna l-figura tas-*Samaritan it-Tajjeb* bħala mudell kif fil-prattika għandna ngħixu l-kmandament ta' l-imħabba. Il-karatteristiċi tal-karità tas-Samaritan huma:

- ma tħares lejn wiċċ ħadd (il-Lhud kienu egħdewwa tas-Samaritani);
- tara l-bżonn tal-mument (ma qagħadx jirraġuna);
- tkun ġeneruża (taħ il-ħin, il-ħmar, il-flus u rriskja);
- mingħajr kundizzjoni (ma talab xejn lura).

Hawn ta' min jinnota li l-istess karatteristiċi tal-karità fis-Samaritan huma l-istess li nsibu fil-ħajja ta' Kristu, u jridu jkunu l-istess fil-ħajja tagħna.



*Mhux bil-ħobż biss igħix il-bniedem, anki bi ftit affettività.*

San Pawl, fl-innu lill-karità, ipoġġi l-karità bħala sfida għan-nisrani awtentiku, mhux sempliċement bħala att jew atti isolati ta' mħabba, iżda bħala **attitudni, esperjenza, mod ta' ħajja, triq:** *"Jien nurikom* triq *li tgħaddihom ilkoll. Li kont nitkellem . . . u m'għandhiex imħabba . . ."* (1 Kor. 12,31 13,ff). L imħabba hija *triq* u *ħajja* għax il-mudell tagħha, Kristu, huwa **triq** u **ħajja** li twassal għal għand il-Missier: ***"Jiena hu t-triq, il-verità u l-ħajja"*** (Ġw. 14,6).

San Ġwann jinsisti fuq l-imħabba fil-ħajja ta' l-aħwa li għandha lil Kristu bħala mudell: *"Nagħtikom kmandament ġdid: li tħobbu lil xulxin. Bħalma ħabbejtkom jien, hekk ukoll ħobbu intom lil xulxin"* (13,34). Huwa proprju hawn li l-karità nisranija tiddistingwi ruħha mill-imħabba purament umana; għax din ta' l-aħħar hija min-natura tagħha limitativa u f'ċertu sens possessiva, fil-waqt li l-karità nisranija hija miftuħa għal kulħadd (*universalità*) u ġeneruża, għax hija motivata minn Kristu.

Il-motivazzjoni li tqanqal lin-nisrani biex igħix il-karità fil-prattika, hija li *JARA FIL-PROXXMU L-MUDELL TA' KRISTU:*

**"Għax jien kont bil-ġuħ u tmajtuni,**
**kont bil-għatx u sqejtuni,**
**kont barrani u lqajtuni,**
**kont għeri u libbistuni,**
**kont marid u ġejtu tarawni,**
**kont fil-ħabs u ġejtu żżuruni . . .**
**kull ma għamiltu ma' wieħed mill-iżgħar fost dawn ħuti, għamiltuh miegħi" (Mt. 25,35–40).**

Minn dan jidher biċ-ċar li l-motivazzjoni fil-ħidma ta' karità għan-nisrani m'għandhiex tħares lejn wiċċ dak li jkun, jew issir għal wiċċ xi ħadd, iżda fil-proxxmu rridu naraw lil **Kristu** *fqir, bil-ġuħ, bil-għatx, batut, imwarrab, maħqur, mitluq u mislub.*

■ **INT – mudell**
*"Ħobb lil għajrek bħalek innifsek"* (Mk. 12,31; Mt. 22,39).

Dan il-kriterju ta' l-imħabba huwa l-aktar wieħed aċċessibli b'mod faċli għalina l-bnedmin, għax hu mibni fuq ir-regola tad-deheb: **DAK LI TRID LI ĦADDIEĦOR JAGĦMEL LILEK, AGĦMEL HEKK**



***Fil-parabbola tas-Samaritan it-tajjeb, Ġesù jurina li l-imħabba m'għandhiex fruntieri: ". . . u agħmel hekk inti wkoll" (Lq. 10,37).***

UKOLL INT LILU. Fuq din ir-regola, Kristu jwessa' l-karità 'l hinn minn dak li jien nitlob bi dritt u b'ġustizzja, u jifrixha wkoll lejn l-egħdewwa:

**"Ħobbu l-egħdewwa tagħkom, agħmlu l-ġid lil min jobgħodkom, bierku lil min jisħetkom, itolbu għal min iżeblaħkom. Min jagħtik bil-ħarta fuq naħa waħda, dawwarlu wiċċek ħalli jagħtik fuq in-naħa l-oħra; min jeħodlok il-mantar, anqas il-libsa m'għandek tiċħadlu. Aġġti lil kull min jitolbok: u min jeħodlok xi ħaġa tiegħek, titlobhilux lura. Kif trid li l-bnedmin jagħmlu lilkom, hekk ukoll agħmlu intom lilhom"** (Lq. 6,27–31).

L-imħabba lejna nfusna hija bla limiti, tmur 'l hinn L-imħabba lejna nfusna hija bla limiti, tmur 'l hinn minn dak li titlob il-ġustizzja. Hekk ukoll għandha tkun l-imħabba tagħna lejn l-oħrajn. Iżda biex nifħmu aħjar dan il-kmandament irridu nħarsu lejna nfusna bħala bnedmin maħluqin fuq ix-xbieha ta' Alla, frott ta' l-imħabba tiegħu; bħala bnedmin li għamilna l-esperjenza tad-dnub; iżda fuq kollox bħala bnedmin mifdija bi prezz tad-demm u mqaddsin bl-Ispirtu ta' Alla li jgħammar fina.

Meta naslu li naċċettaw lilna nfusna f'din id-dimensjoni ta' għaqda ma' Alla, jirnexxilna naraw fil-proxxmu, f'kull persuna, l-istess ġrajja ta' *mħabba*, ta' *waqa'*, ta' *fejqan* u ta' *tqaddis mill-ġdid.*

Ta' dan il-kmandament ġdid insibu diġà ħjiel fl-Antik Testment: *"Ħobb il-proxxmu tiegħek bħalek innifsek"* (Lv. 19,18). Il-motivazzjoni ta' din l-imħabba, l-aktar lejn min hu fil-bżonn, hija *"għax intom ukoll kontu barranin fl-art ta' l-Eġittu"* (Dt. 10,19).

Għax inħobbu lilna nfusna nistennew li l-oħrajn jittrattawna bid-dinjità kollha li tixirqilna ta' bnedmin li aħna, u mhux biss li jagħtuna l-għajnuna li jkollna bżonn, iżda wkoll jimpurtana mill-mod kif jagħtuhielna, mod li ma jġiegħelnix inħossuna nferjuri, dipendenti jew umiljati. Hekk għandna nħobbu liil-proxxmu fil-bżonn. Il-motivazzjoni trid tkun ġejja minn spirtu genwin ta' karità::

**"Mela, meta tagħmel karità, tmurx iddoqq it-trombi quddiemek, kif jagħmlu dawk ta' wiċċ b'ieħor fis-sinagogi u fit-triqat, biex in-nies tfaħħarhom . . . Iżda int, meta tagħmel karità, idek ix-xellugija ma għandhiex tkun taf x'inhi tagħmel il-leminija, u Missierek, li jara dak li hu moħbi, iroddlok Hu"** (Mt. 6,2–4).

Mela, il-motivazzjoni tal-karità nisranija mhix waħda ta' propaganda jew ta' ftaħir jew għal xi interessi oħra, iżda biex tgħin lil dawk fil-bżonn **GĦAX HUMA XBIEHA TA' ALLA BĦALMA INT U JIEN UKOLL AĦNA XBIEHA TA' ALLA**, imlibbsin bl-imħabba, bid-dinjità kollha li tana Alla u li reġa' ġeddidhielna Kristu u li qaddisilna l-Ispirtu s-Santu.

**Egħluq**

Għalkemm il-motivazzjoni ewlenija tal-karità nisranija hija waħda soprannaturali, iġifieri l-imħabba ta' Alla bid-diversi sfumaturi tagħha, din ma tiqafx fl-ajru, fl-axxetika, fil-mistika jew fid-devozzjonijiet, jew fl-elemosina, imma tikkonkretizza ruħha fil-**"caritas"** li hija l-ogħla turija ta' mħabba fil-ħajja tan-nisrani, għax:

**"jekk wieħed għandu biex jgħix fid-dinja u jara 'l ħuh fil-bżonn u jagħlaq qalbu għalih, kif tista' l-imħabba ta' Alla tgħammar fih? Uliedi, ma nħobbux bil-kliem u t-tpaċpiċ, imma bl-egħmil u bil-verità" (1 Ġw. 3,17–18).**

**Joe Alessandro ofmCap**



Katekeżi Franġiskana għall-membri (Novizzi) ta' L-Ordni Franġiskan tas-Sekulari u għal dawk kollha li jammiraw u jixtiequ jgħixu l-ideal Franġiskan.



Philip Cutajar
ofmCap

# Infaħħru dejjem lill-Mulej



*IT-TALB fil-ħajja nisranija huwa wieħed mill-aktar mezzi effikaċi li jgħinek tassew biex tgħix il-ħajja tiegħek maqgħuda ma' Alla u mibnija fuq u skond ir-rieda Tiegħu. It-talb fih innifsu huwa ġest ta' mħabba — huwa mument ta' mħabba profonda — fejn inti tidħol fi djalogu ma' Alla — Imħabba. Matul it-talb, innisrani jesprimi wkoll id-dipendenza assoluta tiegħu minn Alla; u għalhekk jersaq lejH biex jippreżentalu l-ħtiġijiet tiegħu u jitolbu l-għajnuna. Dan l-aspett ta' dipendenza minn Alla, innisrani jurih kemm għalih innifsu kif ukoll għall-oħrajn, għax hu ma jitlobx biss għalih, imma anki għall-bnedmin ħutu. Aktar minn hekk it-talb huwa ġest ta' gratitudni u radd il-ħajr. Huwa l-mument fejn inti tgħid grazzi għal dak kollu li Alla għamel u qed jagħmel miegħek.*

*Ir-rikkonoxxenza tan-nisrani għal dak kollu li Alla għamel miegħu tispikka fit-talb ta' ringrazzjament li kontinwament jagħmel lil Alla. Fl-aħħarnett it-talb huwa ġest ta' tifħir lil Alla għal dak li HU. Meta n-nisrani jasal biex ifaħħar lil Alla fil-kobor tiegħU, ikun qed juri li huwa tassew bniedem ħieles minnu nnifsu u minn kull preokkupazzjoni oħra, jinsa lilu nnifsu, u jikkonċentra l-attenzjoni tiegħu biss fuq Alla u jinfexx f'innu ta' tifħir. It-tifħir fit-talb huwa sinjal ta' maturità spiritwali f'livell għoli.*

*Dan kollu saħaq fuqu Ġesù Kristu nnifsu matul il-ħajja tiegħu magħna fuq l-art. Insista fuq il-ħtieġa tat-talb bħala espressjoni tal-fidi tagħna f'Alla — bħala interċessjoni għalina u għall-oħrajn — bħala sens ta' gratitudni u radd il-ħajr — bħala innu ta' tifħir lil Alla. Ġesù Kristu mhux biss għallem lid-dixxipli tiegħu kif jitolbu u dwar il-ħtieġa tat-talb, imma kien hu stess li ta eżempju ħaj billi għamel minn ħajtu talba kontinwa lil Alla l-Missier. Fl-evanġelji nsibu li l-mumenti tat-talb fil-ħajja ta' Ġesù kienu kontinwi.*

*San Franġisk li matul ħajtu m'għamilx ħaġ'oħra ħlief ifassal ħajtu fuq dik ta' Kristu billi jsir xebh perfett tiegħu – għaraf il-ħtieġa tat-talb u għamlu l-programm ta' ħajtu. It-talb fil-ħajja ta' San Franġisk narawh jispikka fil-bidu tal-konverżjoni tiegħu biex Alla jgħinu u jurih x'għandu jagħmel. Ikompli jispikka fil-bidu tat-twaqqif ta' l-Ordni l-ġdid biex tkun magħmula dejjem ir-rieda ta' Alla. Jispikka fl-aktar mumenti iebsa ta' ħajtu fejn ħassu mtaqqal mill-mard u t-tbatija – dawn kienu għalih mumenti fejn l-għaqda tiegħu ma' Alla aktar kibret permezz tat-talb. Kien jitlob għalih innifsu u kien jitlob għall-oħrajn, b'mod speċjali għall-midinbin.*

*Imma meta nitkellmu mit-talb fil-ħajja ta' San Franġisk t'Assisi ma nistgħux ma ninnutawx id-doża qawwija ta' radd il-ħajr u tifħir li huwa kien jagħti lil Alla – Imħabba u Ħallieq. Anki jekk niflu sewwa t-talbiet minsuġa minnu stess nilmħu enfasi qawwija fuq l-aspett ta' ringrazzjament u tifħir lil Alla fi Kristu bil-qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu.*

*Il-Knisja Ommna kontinwament tħeġġiġna biex nagħmlu t-talb bħala parti kostanti mill-ħajja tagħna ta' kuljum. Il-bniedem li jemmen, li jittama u li jħobb qatt m'għandu jonqos milli jersaq ta' kuljum lejn Alla u jingħaqad miegħu f'mumenti ta' intimità permezz tat-talb. It-talb huwa mezz li bih nikbru fil ħajja nisranija u aktar ma nikbru aktar inħossu l-bżonn tat-talb, u aktar ma nitolbu aktar nikbru fil-maturità tal-ħajja nisranija.*

*Jekk it-talb huwa s-sisien tal-vokazzjoni nisranija li kull min huwa mgħammed għandu jħabrek li jibni ħajtu fuqu; kemm aktar il-membru attiv fl-Ordni Franġiskan tas-Sekulari li għażel li jimxi fuq il-passi ta' Ġesù Kristu fl-espressjoni ta' l-ispiritwalità franġiskana. Infatti fir-Regula ta' l-O.F.S. insibu li* **"bħalma Ġesù kien kontinwament ta' qima lill-Missier, hekk it-talb u l-kontemplazzjoni għandhom ikunu għall-membri fl-O.F.S. ir-ruħ ta' dak li huma u ta' dak li jagħmlu" (nru. 8).**

*Il-membri kollha fl-O.F.S. huma mħeġġin li jitolbu kemm weħedhom kif ukoll fil-fraternitajiet tagħhom. Għandhom jitolbu flimkien talb ta' interċessjoni billi jħossuhom magħqudin ma' l-imsejknin tad-dinja b'sens ta' solidarjetà soċjali u spiritwali mal-fqar f'kull sens. Għandhom bla waqfien jitgħallmu jroddu ħajr lil Alla fl-egħġubijiet tiegħu, fuq kollox għall-imħabba li Huwa dejjem juri magħna. Fuq l-eżempju ta' Kristu u fuq il-passi ta' San Franġisk, qatt m'għandu jiġi nieqes it-tifħir tagħhom lil Alla.*

*Fl-aħħarnett il-membri kollha ta' l-O.F.S. huma mħeġġa biex it-talb tagħhom ikun tassew espressjoni ta' fidi, ta' tama u ta' mħabba f'Alla u lejn Alla; u fuq kollox huma mħeġġin biex juru koerenza bejn it-talb li jitolbu u l-ħajja tagħhom ta' kuljum billi jiftakru fi kliem il-Mulej:* **"Mhux min igħid Sinjur Sinjur jidħol fis-Saltna tas-Smewwiet, imma min jagħmel ir-rieda ta' Alla l-Missier, dan jidħol fis-Saltna tas-Smewwiet."**

# Mixja Marjana mill-O.F.S. f'Għawdex

*NHAR il-Ħadd, 21 ta' Frar 1988, il-membri kollha tal-Ordni Franġiskan tas-Sekulari ta' Għawdex iltaqgħu flimkien għall-ġurnata rtir bħala bidu għar-Randan Imqaddes. Din il-ġurnata bdiet b'pellegrinaġġ Marjan għas-santwarju tal-Madonna ta' Pinu. Din l-inizjattiva saret bil-għan li nkomplu nqaddsu s-Sena Marjana li l-Knisja qed tiċċelebra.*

*Matul il-ġurnata saru żewġ konferenzi mill-Assistent Provinċjali għall-O.F.S. Dawn kienu jittrattaw dwar:*

- *L-Identità ta' l-O.F.S., u*
- *Kif jaħdem l-O.F.S. fl-Istruttura tiegħu.*

*Kien hemm ukoll ħinijiet ta' talb u qsim ta' esperjenzi. Inżammet laqgħa tal-Kunsill ma' l-Ass. Prov. P. Philip Cutajar ofmCap fejn tqajmu xi problemi u diffikultajiet preżenti.*

*Il-membri kollha li attendew ħassew li laqgħat bħal dawn għandhom jibqgħu jsiru għax huma ta' profitt kbir.*



# Laqgħa tac-CECMS f'Malta: April 1988

IL-KONFERENZA tas-Superjuri Maġġuri Kapuċċini tal-lingwa Ngliża, li hija ffurmata minn Malta, Ingilterra u Irlanda, żammet il-laqgħa annwali tagħha f'Malta bejn is-6 u t-8 t'April 1988. It-tema ta' dawn it-tlett ijiem ta' laqgħat kien ***'It-Talb u l-Kontemplazzjoni fil-Formazzjoni tal-Bidu'.***

Kienu preżenti: *John Corriveau*. Definitur Ġenerali u l-Aħwa *Emmanuel Barbara, Frank Hickman* u *Eustace Mc Sweeney* – Provinċjali ta' Malta, Ingilterra u Irlanda rispettivament.

Ġew mistiedna wkoll dawk l-aħwa li huma direttament involuti fil-formazzjoni tal-Bidu: *Malta:* Joe Giuliano, Effie Mallia, Manuel Micallef, Joe Alessandro u Anton Mompalao. *Irlanda:* Bill Ryan u Henry O'Brien. *Ingilterra:* Anthony Mc Dowell u Pius Bodworth.

Mexxa dawn il-laqgħat, Workshop u esperjenzi ***Fr. Anthony Ciorra*** – Kapuċċin mill-Provinċja ta' New York, U.S.A.



# Pontifikal minn Mons. Nikol Cauchi fl-okkażjoni ta' egħluq l-400 sena mill-wasla tal-Kapuċċini f'Malta





FIL-KNISJA tal-parroċċa tat-Trinità Qaddisa, il-Marsa, nhar il-Ħadd, 10 t'April 1988, wara nofs in-nhar, saret *Quddiesa Pontifikali* minn *Mons. Nikol Cauchi, Isqof ta' Għawdex*, bħala radd il-ħajr 'l Alla fl-okkażjoni ta' egħluq l-400 sena mill-wasla tal-Kapuċċini f'Malta.

Għal din il-Quddiesa ħadu sehem madwar ħamsin konċelebrant bejn patrijiet Kapuċċini u dawk mistiedna. Kienu preżenti l-Aġent President tar-Repubblika, is-Sur Paul Xuereb u s-Sinjura tiegħu, diversi personalitajiet u għadd ġmielu ta' ammiraturi tal-Kapuċċini.

L-Isqof Nikol Cauchi beda l-omelija tiegħu billi qal li *Itqajna hawn il-lejla biex niċċelebraw flimkien din iċ-ċirkostanza hienja ta' egħluq l-400 sena mill-wasla tal-Kapuċċini f'art twelidna. Aħna nixtiequ l-lejla, minn qalbna nroddu ħajr 'l Alla għall-grazzji kotrana li huwa sawwab fuq il-poplu ta' Malta u Għawdex permezz tal-Patrijiet Kapuċċini*. Kompla jgħid li *l-Patrijiet Kapuċċini semgħu s-sejħa ta' Kristu u ħabbewh. Ħabbewh b'qalbhom kollha tant li kkonsagraw il-ħajja tagħhom lilu, mingħajr riservi biex jagħtuh glorja u jxandruh fost il-bnedmin. Il-Patrijiet Kapuċċini qegħdin jaqdu lil Kristu fil persuna tal proxxmu.*

Lejn tmiem id-diskors tiegħu, Mons. Isqof qal, li *l-Kapuċċini Maltin mhux biss għamlu l-ġid f'art twelidna, iżda jisthoqqilhom ukoll kull ġieħ għaliex ħarġu barra minn art twelidhom, f'postijiet tal-Missjoni: f'Jhansi, il-Columbia, l-Etjopja, l-Awstralja u f'dawn l-aħħar snin il-Garissa, il-Kenja.*

Mons. Cauchi spiċċa l-omelija tiegħu b'talba ħalli l-Mulej ibierek il-ħidma tal-Patrijiet Kapuċċini b'aktar vokazzjonijiet.




# 1588 – 1988

# Il-Kunvent tal-Kapuċċini fil-Kalkara



*Il-faċċata tal-knisja u l-kampnar li nbena ġdid minflok dak li ġġarraf fil-gwerra.*

KULL min jiġbed lejn in-naħa tal-Ivant tad-daħla tal-Kalkara ma jistax ma jgħaddix minn quddiem il-kunvent tal-Kapuċċini magħruf fost ħafna bħala ***ta' Santa Liberata***.

Għalkemm ilu aktar minn mitejn u ħamsin sena wieqaf, il-kunvent mhux l-eqdem wieħed tal-komunità reliġjuża tagħna. Għax l-ewwel kunvent tal-Kapuċċini f'Malta hu dak tal-Furjana li skond għadd ta' storiċi nbena madwar erba' mitt sena ilu.

**Għaliex inbena l-Kunvent tal-Kalkara**

Fl-1773, wara li l-patrijiet Kapuċċini Maltin ġà kienu ilhom mija u ħamsa u erbgħin sena taħt il-provinċja ta' Sirakuża, ħassew li wasal iż-żmien li jiffurmaw Kustodja, u aktar tard Provinċja, għalihom. Għalhekk il-Gwardjan tal-kunvent tal-Furjana, Patri Ġużepp Grech minn Bormla tela' biex jagħti r-raġunijiet lill-Ġeneral tal-Kapuċċini, patri Bonaventura minn Ferrara. Biex igħinuh kellu wkoll lill-Balì u Baruni De Schede kif ukoll l-ambaxxatur f'Ruma tal-Gran Mastru A. M. de Vilhena. It-talba ġiet milqugħa bil-kundizzjoni ***li jibnu żewġ knejjes u żewġ kunventi oħra fil-gżejjer Maltin.***

Il-patrijiet laqgħu din l-isfida diffiċli u tlett snin wara ġà kienu qiegħdu l-ewwel ġebla għall-bini ta' kunvent fil-Kalkara filwaqt li sena wara beda jinbena dak f'Għawdex.

**Il-Kunvent f'Ħaż-Żebbuġ?!**

Malli l-patrijiet Kapuċċini Maltin urew lill-poplu l-ħsieb tagħhom li jibnu kunvent ieħor, ingħatatilhom il-kappella ta' l-Immakulata f'Ħaż Żebbuġ flimkien ma' xi djar u biċċa art imdaqqsa. Dil-kappella tinsab ftit 'il barra mill-bieb ewlieni ta' Ħaż-Żebbuġ fl-inħawi li kienu magħrufa *Ta' Skamardi*. Fost il-benefatturi għall-bini tal-kunvent insibu lill-***Gran Mastru de Vilhena*** li ta 500 skud, ħallas minn butu għadd ta' ħaddiema u silifhom xi għodda tal-bini. Sbatax-il benefattur ieħor taw bejniethom 4,575 skud.

Iżda l-patrijiet bidlu fehmithom dwar il-bini tal-kunvent f'dan ir-




*Lapida li tfakkar l-għotja tal-proprjetà mogħtija minn Ġużeppi Abela, li fuqha nbena l-kunvent.*

raħal għax dehrilhom li hu bogħod wisq mill-Belt u mill-kunvent tal-Furjana. Ta' min igħid ukoll li skond il-kittieb E. B. Vella kien hemm il-ħsieb li l-kunvent jinbena f'Ħal Tarxien.

**Il-Bini tal-Kunvent fil-Kalkara**

Minkejja d-deċiżżjoni li l-kunvent ma



*Panorama tal-Kalkara minn fuq il-bejt tal-kunvent ta' Sta. Liberata.*

jinbeniex f'Ħaż-Żebbuġ, il-patrijiet issoktaw jiġbru l-fondi. F'Ottubru ta' l-1735 iż-żewġ patrijiet inkarigati mill-ġbir tal-flus, patri Klement minn Bormla u patri Vitor miż-Żurrieq marru Ħal Tarxien għand is-***Sur Valerio Abela***. Kif rahom dan qalilhom: *"... flus ma nagħtikomx, iżda nagħtikom l-art u ġnien kbir ħalli tibnu knisja u kunvent u nibni anki kappella, basta tiġi dedikata lil Santa Barbara, għal ommi, li kienet mietet bil-pesta fl-1676 u tinsab midfuna fiċ-ċimiterju ta' dawk li mietu bil-pesta, li jinsab taħt is-sur tas-Salvatur."* Is-Sur Abela qalilhom ukoll li żewġ zijiet patrijiet mejtin li kellu wissewh permezz ta' ħolma biex ikun ġeneruż mal-patrijiet.


Parti mill-kjostru tal-kunvent faċċata tal-bieb ta' barra.

Iż-żewġ patrijiet inkarigati mill-ġbir tal-fondi rrappurtaw b'kollox lil P. Ġużepp Grech, il-Gwardjan, li weġibhom li mhux biss il-kappella, iżda l-knisja kollha tiġi dedikata lil *Santa Barbara*. Din il-qaddisa, minbarra li hi protettriċi tal-bumbardieri hi wkoll waħda mill-protettriċi ta' l-Ordni tal-Kapuċċini.


*L-Artal li ħa post dak oriġinali, li partijiet minnu ntużaw f'dak preżenti.*


*Il-kappella tal-Kunċizzjoni f'Ħaż-Żebbuġ fejn kien ġie deċiż li se jinbena t-tieni kunvent tal-Kapuċċini flok fil-Kalkara.*

**Jiktbu Malajr għall-Permessi Meħtieġa**

Patri Ġużepp Grech għarraf lill-Gran Mastru u lill-Isqof de Bussan bl-akkwist ta' l-art għall-bini tal-kunvent. Is-Santa Sede u l-Ġeneral ta' l-Ordni ġew mgħarrfa b'dan u l-permessi meħtieġa ħarġu wara li ngħelbu xi diffikultajiet.

L-art mogħtija mis-Sur Abela b'att pubbliku tan-nutar Pietru Anton Madiona fit-13 ta' Jannar 1736 tinsab fit-tarf tal-fortifikazzjonijiet tal-Kottonera fl-inħawi magħrufa *Tal-Għasli* li kienet tifforma parti minn xagħri mlaqqam *Wiċċ il-Kbir*.

**Tqegħid ta' l-Ewwel Ġebla**

Iċ-ċerimonja tat-tberik ta' l-art u t-tqegħid tas-salib fejn kellhom jinbnew il-knisja u l-kunvent tmexxiet mill-Isqof de Bussan. Dak iż-żmien il-post kien jagħmel mal-Birgu għax il-Kalkara kienet subborg ta' dil-belt Vittoriosa. Fil-fatt kien wara li l-Kalkara saret parroċċa

fl-1898 li l-kunvent tagħna beda jissejjaħ ***Il-Kunvent tal-Kalkara.*** Għaċ-ċerimonja attendew ukoll il-kappillan ta' San Lawrenz tal-Birgu Dun Gian Paolo Pace, l-Inkwiżitur u xi patrijiet Dumnikani tal-Birgu. Fit-18 ta' Ġunju ta' l-istess sena tqegħdet l-ewwel ġebla mill-istess isqof. Din tinsab taħt il-pilastru l-maġġur, in-naħa tal-vanġelu u f'ħofra li tħaffret fiha tqegħdu skrizzjoni fi skroll taċ-ċomb, l-armi ta' l-Isqof u tal-Gran Mastru kif ukoll xbihat ta' Santa Barbara u San Franġisk.

**Pjanta ta' Ajk Kapuċċin**

Il-pjanta tal-kunvent saret minn ajk Kapuċċin, ***Fra Ġużepp mill-Isla,*** filwaqt li l-bini sar mill-perit Taljan *Francesco Carpeccio.* L-istess Fra Ġużepp mexxa x-xogħol. Fit-28 t'Ottubru 1737 ġie trasportat is-Sagrament għall-post il-ġdid fejn kellhom jiġu l-patrijiet u sitt snin wara, f'Lulju 1743 il-knisja kienet lesta u fit-18 ta' Ġunju 1747 ġiet ikkonsagrata. Bħal ma xtaq is-Sur Abela, il-knisja ġiet dedikata lil Santa Barbara.

Il-pittura sabiħa tat-titular ta' Santa Barbara, li llum tinsab fl-ewwel arkata tan-naħa tal-lemin kif tidħol mill-bieb prinċipali, hu xogħol il-pittur Taljan Agostino Masucci u nġiebet minn Ruma fl-1739.

**Għaliex jissejjaħ Il-Kunvent ta' Santa Liberata**

Ir-raġuni ewlenija hi *li peress li l-knisja u l-kunvent kienu jinsabu bogħod minn Ħaż-Żabbar, Bormla u l-Birgu fejn kienu jgħixu ħafna nies, il-patrijiet xtaqu jsibu mezz biex jiġbdu n-nies lejn il-knisja tagħhom. Għalhekk ġabu l-ġisem qaddis tal-martri Santa Liberata sabiex jilħqu dan il-għan.* Il-korp sant, li inġieb minn Patri Feliċ Marija mill-Belt u l-fratell lajk Fra Innoċenzu mill-Belt, kien instab fil-katakombi ta' San Kallistu fejn kienu jinżammu l-iġsma tal-martri fi żmien il-persekuzzjoni.



*Il-qanpiena fil-kampnar li tinsab fuq il-bejt tal-knisja.*

Dan il-ġisem għadu jinsab fil-knisja tal-Kapuċċini tal-Kalkara u kull sena, fix-xahar ta' Settembru ssirlu festa solenni. Wara li l-korp sant ittieħed fil-knisja minn P. Anselmu, Gwardjan tal-Kunvent u Dun Indrì Decaro, kappillan tal-Birgu fis-17 ta' Settembru 1752, id-devozzjoni lejn din il-qaddisa kotrot sew, filwaqt dik lejn Santa Barbara ntfiet maż-żmien.

**In-Novizzjat fil-Kunvent tal-Kalkara**

Il-kunvent tagħna fil-Kalkara intagħżel bħala kunvent għan-novizzjat minn fost it-tlieta li kienu jeżistu. Novizzjat hu l-post fejn dawk li jkunu se jsiru Kapuċċini jieħdu l-ewwel sena ta' formazzjoni għall-ħajja reliġjuża. In-novizzjat f'dan il-kunvent ġà kien jeżisti minn mindu l-patrijiet Maltin isseparaw mill-Provinċja ta' Sirakuża. Dan seħħ fil-25 ta' Ġunju 1740 u f'Settembru ta' l-istess sena P. Ġużepp Grech inħatar l-ewwel Kustodju. Baqa' jservi ta' novizzjat sat-8 ta' Diċembru 1935. L-aħħar grupp ta' novizzi kienu l-patrijiet *Pupul mill-Isla, Benedittu mill-Marsa, Kurradu mill-Belt, Leonardu mill-Ħamrun, Mattew minn Għawdex* u *patri Beninju mill-Kalkara.*

**Il-Kulleġġ ta' S. Lawrenz minn Brindisi**

Għal madwar għoxrin sena serva wkoll bħala *Studentat jew Kulleġġ għall-istudenti kjeriċi tal-Filosofija u t-Teoloġija.* Il-lok kien sular fuq il-kuritur fejn kien hemm qabel in-Novizzjat u ġie dedikat lill-qaddis ***San Lawrenz minn Brindisi, Kapuċċin.*** Il-korsijiet tal-Letteratura u l-Filosofija ġew trasferiti minn hawn għall-I.N.S.E.R.M., fl-1968. Mill-1971 dan il-kulleġġ beda jservi għall-*Postulanti,* jiġifieri dawk iż-żgħażagħ li jixtiequ jesperimentaw il-ħajja Kapuċċina qabel ma jibdew il-ħajja reliġjuża b'impenn sħiħ fin-novizzjat.

**L-Iskola Serafika jew is-Seminarju Kapuċċin**

L-iskola Serafika bdiet fil-kunvent tagħna tal-Furjana f'Marzu 1934. Tlett snin wara, peress li l-istudenti żdiedu sew, il-Provinċjal Patri Bernard mill-Ħamrun għażel dak tal-Kalkara biex tinbena skola għall-edukazzjoni tat-tfal li kienu jixtiequ jsiru patrijiet. L-iskola kienet eżatt fejn illum hemm il-*Youth Centre.* Il-bini ta' l-iskola, li ġiet inawgurata f'Ġunju ta' l-1937, mhux dak oriġinali, għax l-ewwel Skola Serafika kienet waqgħet bil-bombi fi żmien it-Tieni Gwerra Dinjija.


**Ġużepp Garzia, ofmCap, S.Th.D., Lic. Th. Past.**





"IX-XOGĦOL prinċipali ta' kull Isqof huwa dak li jmexxi l-Knisja lokali fit-tagħlim ta' Kristu f'għaqda ma' l-Isqfijiet l-oħra u mal-Papa. Aħna lkoll aħna missjunarji u kulmin igħix il-ħajja nisranija vera jfittex anki li jaqsam il-fidi tiegħu ma' l-oħrajn, ifittex li jagħti u jressaq lill-oħrajn lejn Kristu. It-talb u l-għajnuna ta' kull xorta jgħinu lilna lkoll, aħna u nitolbu, biex ngħixu l-vokazzjoni missjunarja tagħna" (*Mons. Pawlu Darmanin*).

# *Intervista lil Mons. PAWLU DARMANIN – Isqof tad-Djoċesi Garissa – Kenja waqt żjara f'Malta wara l-vista 'Ad Lima Apostolorum' minn Leonard Falzon ofmCap Segretarju Missjoni Kapuċċini – Frar '88*

**(M):** Mons., il-wasliet tiegħek f'Malta mill-Missjoni tad-Djoċesi ta' Garissa, il-Kenja, ċert li jkomplu jsaħħu r-rabtiet tal-Maltin u l-Għawdxin mal-ħidma missjunarja tiegħek u tal-Kapuċċini fil-Missjoni tal-Kenja. Inkunu qegħdin naħsbu sewwa jekk ninterpretaw din iż-żjara tiegħek f'Malta f'dan is-sens?

**(T):** ***Bħala Isqof tad-Djoċesi ta' Garissa jkolli diversi raġunijiet għalfejn niġi l-Ewropa. Din id-darba l-okkażjoni kienet il-viżita*** **Ad Limina Apostolorum** ***li kellna f'Ruma fi Frar. Min-naħa tiegħi ma nonqosx li meta jkolli ċans inżur anki Malta. Jiena nemmen li l-kuntatt tagħna ma' ħutna Maltin u Għawdxin kemm bl-ittri, b'xi artiklu u speċjalment b'dawn iż-żjarat iservu ħafna biex jikber l-ispirtu missjunarju hawnhekk u huwa wkoll ta' nkuraġġiment kbir għalina. Inħoss li x-xogħol li qegħdin nagħmlu aħna fil-Missjoni u t-talb u l-għajnuna tal-Maltin u l-Għawdxin jagħmlu possibbli l-progress u l-ġid li qiegħed isir.***

**(M):** Semmejtli li kont ma' l-Isqfijiet l-oħra tal-Kenja fuq vista *ad limina* mal-Papa. Kemm intom Isqfijiet fil-Kenja u fiex tikkonsisti l-vista *ad limina*?

**(T):** ***Fil-Kenja hemm tmintax-il Isqof f'tant Djoċesijiet fost dawn hemm ukoll Kardinal li huwa l-Arċisqof ta' Nairobi. Għal din il-viżta konna sittax, peress li l-Isqof ta' Loduvar kien ma jiflaħx, waqt li dak ta' Nyeri miet sena ilu. Il-viżita*** **ad limina** ***tikkonsisti filli l-Isqfijiet li jiffurmaw konferenza bejniethom imorru Ruma fejn jiltaqgħu mal-Papa u jiddiskutu miegħu l-ħajja tal-Knisja fid-djoċesijiet tagħhom. Aħna stajna niltaqgħu mal-Papa kemm bħala gruppi flimkien, kif ukoll f'udjenza privata ta' madwar 15-il minuta kull wieħed. Il-Papa juri interess kbir fil-ħajja ta' kull Knisja lokali u għandu dejjem kelma ta' nkuraġġiment fil-problemi li l-insara jiltaqgħu magħhom.***

**(M):** Madwar erba' snin ilu, propju minn mindu inti sirt Isqof, f'Ġunju 1984, il-parti tal-Lvant tal-Kenja, bl-isem ta' Garissa, bdiet titqies bħala Djoċesi. Issemmili d-differenza li inti stess tinnota bejn issa, li

## Fil-Missjoni tal-Kustodja Kapuċċina fil-Kenja

l-Missjoni hi Djoċesi, għal meta ma kinitx?

**(T):** ***Ix-xogħol fid-Djoċesi ta' Garissa ilu li beda mill-kapuċċini Maltin sa mis-sena 1974. Huwa proprju minħabba x-xogħol siwi li sar, li erba' snin ilu din il-Missjoni setgħet issir Djoċesi separata mill-oħrajn. Ħafna mix-xogħol li qiegħed isir kien diġà mibdi qabel; wara li saret Djoċesi dan seta' jissaħħaħ iżjed u jikber. In-numru ta' nsara kiber ħafna, kif ukoll:***

- ***infetħu stazzjonijiet ġodda,***
- ***qed tingħata importanza kbira għall-formazzjoni ta' katekisti u l-Għalliema li jistgħu jaqdu l-missjoni tagħna mat-tfal u ż-żgħażagħ fl-iskejjel,***
- ***laqgħat għall-familji u***
- ***formazzjoni ta'*** Small Christian Communities

***u attivitajiet oħra.***

**(M):** Prinċipalment, ix-xogħol tiegħek fid-Djoċesi ta' Garissa fiex jikkonsisti?

**(T):** ***Ix-xogħol prinċipali ta' kull Isqof huwa dak li jmexxi l-Knisja lokali fit-tagħlim ta' Kristu f'għaqda ma'***



*Ġuża Abdilla (Żurrieq) waħda mill-voluntiera lajċi fil-Missjoni ta' Garissa – bit-tbissima għas-servizz ta' l-oħrajn.*



*Mons. Isqof Pawlu Darmanin mal-pp. Spiro Galea u Maurice Cassar ofmCap flimkien mal-ġemgħa li attendiet għat-tberik tal-knisja ġdida fil-villaġġ ta' Moa. Dan il-villaġġ huwa wieħed mill-'Out stations' ta' patri Spiro Galea ofmCap.*

*l-Isqfijiet l-oħra u mal-Papa. Dan jinkludi ċertament:*

- *pjan pastorali,*
- *visti spissi lill-missjunarji u l-parroċċi,*
- *tagħlim u amministrazzjoni ta' sagramenti.*

*Ma' dan ix-xogħol fi proġetti hemm ukoll il-ħidma flimkien mal-missjunarji l-oħrajn li jgħinu lin-nies fil-ħajja tagħhom ta' kuljum:*

- *kura medika permezz ta' clinics fil-villaġġi,*
- *tqassim ta' ikel speċjalment lill-anzjani, ommijiet bit-trabi, persuni ħandikappati u orfni,*
- *proġetti dwar nuqqas ta' ilma,*
- *kultivazzjoni ta' l-egħlieqi*

*u ħafna proġetti oħra.*

**(M):** Ċert li inti sodisfatt bis-sehem ta' sħabna l-Kapuċċini missjunarji fl-Istazzjonijiet fejn jaħdmu. Għall-fatt li l-mezzi ta' kuntatti, bħalma huma t-toroq, qajla huma żviluppati biżżejjed, kemm ikun faċli għalik li tilħaqhom regolarment?

**(T):** *It-territorju fid-Djoċesi ta' Garissa huwa kbir ħafna b'toroq mhux asfaltati. Ċert li dan ma jgħinnix ħafna fil-vjaġġi li kontinwament nagħmel minn stazzjon għall-ieħor. Dan isir iżjed diffiċli meta, imħabba x-xita, it-toroq jingħalqu u jkunu kollha tajn li tista' teħel fih anki bil-*Land Rover. *Però nista' ngħid li dan ma jżommnix milli nżur ta' spiss l-istazzjonijiet missjunarji fid-djoċesi; meta wieħed jidra t-toroq u l-istaġuni li fihom l-aħjar tivvjaġġa, jkun jista' jilħaq il-postijiet kollha.*

**(M):** Jeżistu xi pjani għal Seminarju Djoċesan bil-għan li fil-futur il-ħidma missjunarja titkompla mill-qassisin indiġeni (Kenjani) infushom?

**(T):** *Huwa ferm importanti għal kull Djoċesi li jkollha Seminarju fejn ikunu jistgħu jiġu fformati saċerdoti. Il-futur ta' kull Knisja lokali jiddependi ħafna mill-vokazzjonijiet saċerdotali. Għall-grazzja ta' Alla fil-Kenja huma ħafna dawk li jħossu s-sejħa ta' din il-vokazzjoni. Peress li għalissa wieħed ma jistax jistenna ħafna vokazzjonijiet mid-Djoċesi, il-ħsieb tagħna huwa li nagħmlu użu mis-seminarju ta' djoċesijiet oħrajn fejn in-numru huwa kbir. Is-Seminaristi jkunu jistgħu jieħdu l-formazzjoni tagħhom flimkien ma' oħrajn Kenjani bħalhom, speċjalment f'dawk id-djoċesijiet li għandhom l-istess ambjent ta' ħidma pastorali bħal Garissa. Però l-għan tagħna jibqa' dejjem li ġurnata Garissa jkollha wkoll is-Seminarju tagħna.*

**(M):** Aktar 'il fuq semmejtli li sar progress ġmielu b'riħet il-ħidma missjunarja fid-Djoċesi. Il-ħafna problemi, bħalma huma l-ikel, il-mard, l-edukazzjoni, id-djar, il-livell ta' ħajja u l-bqija, li n-nies iħabbtu wiċċhom magħhom, l-amministrazzjoni tiegħek kif taffronthom?

**(T):** *Il-problemi li sememjtli ħafna drabi nsejħulhom*





## Fil-Missjoni tal-Kustodja Kapuċċina fil-Kenja

Opri Soċjali, *dan huwa veru. Fil-każ tagħna, fil-Missjoni b'mod speċjali, wieħed irid iħares lejhom bħala* Opri ta' Karità; *huwa l-istess Vanġelu mgħix u mqiegħed fil-prattika:* 'itma lil min hu bil-ġuħ, isqi lil min hu bil-għatx, għallem lil min ma jafx, eċċ.' *Dawn in-nies, li huma tant nobbli fil-qalb u jafu jħobbu, għandhom diversi bżonnijiet materjali li aħna, għall-grazzja ta' Alla,*





*(Lemin) Mons. Pawlu Darmanin b'tarbija f'idejh waqt żjara li għamel għand is-Sorijiet ta' 'Ulied il-Qalb ta' Ġesù' f'Hongue.*

*(Xellug) Id-dormitorju ta'* Garissa Boys' Town. *(Taħt) Waħda mill-kliniċi fid-djoċesi ta' Garissa (Hongue) għas-servizz tal-poplu.*

*nsibuhom faċilment. Hija għalhekk parti mill-missjoni tagħna li naqsmu l-ħajja tagħna magħhom billi nippruvaw ngħinuhom ħalli anki huma jkollhom ħajja li tixraq id-dinjità tal-bniedem. Dan aħna nistgħu nagħmluh bl-għajnuna u l-ġenerożità ta' diversi benefatturi u aġenziji li jgħinuna fix-xogħol tagħna.*

**(M):** Nemmen li pajjiż li qiegħed jiżviluppa jinħtieġ għajnuna kbira ta' personal kwalifikat u mezzi finanzjarji mhux żgħar. Minn Malta u Għawdex issib xejn għajnuna f'dawn iż-żewġ aspetti?

**(T):** *Malta u Għawdex huma minn ta' quddiem f'din l-għajnuna li aħna nirċievu. Hawn ħafna persuni ġenerużi li lesti jaqsmu dak li l-Mulej ipprovdilhom ma' dawn ħutna fil-bżonn. Din il-ġenerożità tinħass ukoll sewwa fin-numru ta' missjunarji, saċerdoti, reliġjużi, lajċi li jiġu personalment biex igħinu u jsaħħu d-Djoċesi.*

**(M):** Wieħed mill-għanijiet tar-rivista *DAWL FRANĠISKAN* huwa li tkabbar is-sens missjunarju fost il-Maltin. Mill-kontenut dwar il-Missjoni fil-Kenja, jidhirlek li aħna mixjin f'din id-direzzjoni?

**(T):** *Fl-opinjoni tiegħi r-rivista* DAWL FRANĠISKAN *qed jirnexxilha twassal tajjeb lill-qarrejja tagħha l-ħidma missjunarja li qed issir kemm fid-Djoċesi ta' Garissa, kif ukoll f'postijiet oħra. Dan igħin ħafna biex ikompli jikber l-ispirtu missjunarju fost il-qarrejja u tissaħħaħ dejjem iżjed l-għaqda bejna l-missjunarji u tant ħbieb u benefatturi tagħna.*

**(M):** Għandek xi messaġġ li tixtieq twassal lill-qarrejja ta' *DAWL FRANĠISKAN*?

**(T):** *Li nixtieq ngħid lill-qarrejja huwa dan:*

- *li aħna lkoll aħna missjunarji,*
- *li kulmin igħix il-ħajja nisranija vera jfittex anki li jaqsam il-fidi tiegħu ma' l-oħrajn,*
- *ifittex li jagħti u jressaq lill-oħrajn lejn Kristu.*

*Dan huwa x-xogħol uniku tagħna fid-Djoċesi ta' Garissa: kemm fl-evanġelizazzjoni diretta u kemm fl-opri ta' karità li aħna nagħmlu irridu biss nuru l-imħabba kbira li għandu l-veru Alla għalina. It-talb u l-għajnuna ta' kull xorta jgħinu lilna lkoll, aħna u nitolbu, biex ngħixu l-vokazzjoni missjunarja tagħna.*

**Inselli ħafna għalikom u l-Mulej iberikkom.**

**MANWEL D. SCHEMBRI** B.A.(Gen.), Dip. Rel. Stud., (36 sena – Mosta). Studja fis-Seminarju, f'St. Michael's College of Education, fl-Università ta' Malta u fil-Fakultà tat-Teoloġija. Għalliem fl-iskejjel Sekondarji ta' l-istat. Membru fil-Kummissjoni Żgħażagħ – Mosta. Jieħu sehem fi programmi reliġjużi fuq ir-Radju u t-T.V. Bħalissa student tal-V sena fil-kors B.A. Rel. Stud. Miżżewweġ lil Dorothy neè Agius u għandhom tifel, Luciano Francesco.



# *Il-Formazzjoni ta' Qalb iż-Żgħażagħ tagħna*

QED naħsbulhom għal kollox!
Ma rriduhomx neqsin minn xejn 'l uliedna.
Minn kmieni nsuquhom lejn l-iskola – u nagħmlu kulma nistgħu biex nagħżlulhom l-aħjar waħda – għax nemmnu li *bl-iskola biss isiru nies!*
Ikun għadhom bil-kemm ilhom sena li telqu jimxu li ma nibdewx neħduhom għal-lezzjonijiet tal-Ballet jew tal-pjanu u tal-vjolin u x'naf jien!

U mbagħad għandhom l-eżami ta' kollox!
U aħna naslu biex nibdew inkejlu l-kwalitajiet ta' wliedna mir-riżultati ta' l-eżamijiet.
U l-lum jagħmlu eżamijiet fuq eżamijiet – anki biex jidħlu f'*Kindergarten*.
Jeżistu tfal ta' *tlett snin u nofs* li diġà qed imorru l-privat!
Minn kmieni t-tfal qed isibu rwieħhom imdeffsin f'ġirja kompetittiva ma' tfal ta' madwarhom.
Qed isibu ħajjithom il-ħin kollu *mhedda* minn dak li aħna l-ġenituri nqisuh l-aħjar għalihom.

Anki ġrajjiet reliġjużi importanti f'ħajjet it-tfal tagħna qed isiru kkummerċjalizzati, kultant fi proporzjonijiet li ma jitwemmnux.
Saret iktar importanti t-tħejjija tal-festin, ta' l-ilbies, tal-lokal fejn se tilqa' l-mistednin, tal-kwantità ta' ritratti li jittieħdu, *mit-tħejjija tat-tfajjel għall-ewwel laqgħa tiegħu intima ma' Ġesù li nemmnu fih.*

U wara l-*Preċett* tasal il-Griżma u l-istorja terġa' tirrepeti ruħha.

Ighaddi ftit taż-żmien u f'daqqa nintebħu li wliedna, dak it-tifel ħlejju li tant lgħabt miegħu u ġrejt bih fuq spallejja, dik it-tifla ċkejkna li tant kont niggosta titbissem, dawk li tant ġabuli ferħ bi tfulithom, issa m'għadhomx tfal.
Saru ġuvnott u tfajla.
Tfulithom spiċċat.
Tfulithom ħarbitli minn bejn subgħajja bla ma ntbaħt li qiegħda tintemm biex ma terġax tiġi!

U ma' wiċċi sibt żgħażagħ.
Żgħażagħ li jgħarrxu f'għajnejja biex jaraw jien, missierhom, nistax noffrilhom dak li qed ifittxu.
U ħassejthom jifluni minn fuq s'isfel.
Ħassejthom jippuntaw subgħajhom lejja u jistaqsuni – b'ħerqa u bi dritt – ħadtilhomx

ħsieb ta' *qalbhom*.
B'għajnejhom ħassejthom igħiduli li mlejthom informazzjoni, li ttantajt inġibhom qrib dak kollu li jien ħassejt li jista' jiftħilhom moħħom.

*'Imma, qalbi'*, smajtu jgħidli t-tfajjel b'għajnejh jiddu 'l fuq minn fommu mitbuq, *'imma, qalbi nsejtħili.'*

- X'valur qed nagħtuhom lill-ulied li jridu jkunu l-għada tagħna?
- X'eżempju qed jaraw fina uliedna?
- Aħna x'qegħdin noffrulhom?
- Qed insibu ħin inkellmuhom?
- Qed insibu ħin nisimgħuhom?
- Qed nagħtu kas ta' kull ma jgħidulna? Jew qed isibuna dejjem mehdijin bil-gazzetta, jew bl-agħsafar jew bil-karrozza jew bil-każin?

- Fejn qed inħalluha qalb uliedna?
- Qed inħallu t-T.V. jeħdilna ħsiebhom?
- Qed inħallu t-T.V. igħallimhom il-*valuri* tiegħu?
- Qed insibu t-T.V. komdu għax iżommhomlna *miġburin* u *kwieti*?
- Qed inħallu l-*magazines*, il-ħbieb u l-kantanti jiffurmaw qalb iż-żgħażagħ tagħna?

U erġajt ftakart fit-tfajjel.

- Ftakart kemm drabi rajtu riesaq lejja mħasseb u jien, għax kelli x'nagħmel għamilt ta' bir-ruħi li ma lmaħtux.
- Ftakart meta smajtu jgħolli leħnu m'ommu u jien għażilt li ma nindaħalx!
- Erġajt ħassejt id-dehxa li ħadt meta rajtu b'sigarett bejn subgħajh b'sieq fuq sieq fuq l-oħra fuq l-għatba ta' ħanut li ma tantx idoqqli.
- Erġajt ħassejt demmi jiksaħ meta lmaħtu f'kumpanija ta' żgħażagħ bħalu li ma tantx kellhom fama tajba.

U niftakar li dakinhar f'qalbi staqsejt:
*"Dan ibni kif sar? Tajtu kull ma kellu bżonn.*
*Bgħattu fl-aħjar skola. Ma ħallejtu nieqes minn xejn – mingħalija!"*

Għadni nisma' żagħżugħa tgħid 'il min nissilha:
- *"Xbajt narakom titlewmu.*
- *Xbajt narakom taqdfu għal raskom.*
- *Xbajt nismagħkom tgergru bejnietkom.*
- *Irrid narakom titbissmu lil xulxin.*
- *Irrid nerġa' narakom id f'id.*
- *Irrid narakom tifirħu b'xulxin.*
- *Irridkom toħorġu flimkien.*
- *Irrid nintebaħ li intom ukoll għadkom tinħabbu bħal qabel."*

Liż-żgħażagħ tagħna għandna nuruhom kif kull kelma għandhom iqisuha qabel ilissnuha.
Jekk tingħad bla għaqal, kelma tasal tnissel firda.
U donnu kelma iebsa ma tintesiex.
Għandna nuruhom kif m'għandna niġġudikaw 'il ħadd.
Għandna nuruhom kif inkunu ġenerużi ma' l-oħrajn, kif isibu l-ħin għal ħaddieħor, għal ħuthom, għal ħbiebhom.
Għandna ngħallmuhom isibu l-hena fit-talb.
Għandna nuruhom li jekk qalbhom jorbtuha mar-rieda ta' Alla, ikunu henjin, u fil-hena l-bniedem iħossu jgħix.
U bl-hena f'qalbu l-bniedem jhenni 'l ta' madwaru u l-hena tiġi minn Alla, *għax Alla hu mħabba*.

U l-hena hi l-qofol ta' l-edukazzjoni tal-qalb!

# Is-Skiet:

## *Il-Qofol ta' kull Virtù*



*Il-ħajja mgħaġġla tal-lum hija sfida għall-ħajja ta' ġabra.*

QEGĦDIN ngħixu f'dinja ta' għaġla u ħsejjes. Aktar minn qabel, il-bniedem għandu bżonn tal-kwiet biex jistrieħ. Iżda mhix ħaġa ħafifa li aħna nidraw is-skiet, meta llum madwarna hawn ħafna x'jiġbed l-attenzjoni tagħna. Il-virtù tas-silenzju hija meħtieġa ħafna għall-ħajja spiritwali. L-Ispirtu tal-Mulej qed imexxi ħafna nies għall-irtiri, laqgħat ta' talb u talb flimkien fuq il-Bibbja (*Bible sharing*). Dan żgur li se jkun ta' ġid kbir għall-Knisja kollha.

**Liturġija**

Is-skiet jissemma: •fl-Istruzzjoni Ġenerali tal-Missal Ruman •fl-Espożizzjoni Ewkaristika •fiċ-ċelebrazzjoni tal-Penitenza •fl-Ordni Ġenerali għal-liturġija tas-Sigħat.

F'din l-ordni tal-Uffiċċju Divin insibu miktub: *"F'kull azzjoni liturġika hi liema hi, wieħed għandu jieħu ħsieb li 'jinżamm ukoll f'waqtu s-skiet imqaddes'."*

B'dawn l-okkażżjonijiet ta' skiet magħċula fil-Liturġija, il-Knisja turina l-importanza tas-silenzju u tgħinna nipprattikawh.

■ *Fl-Att Penitenzjali tal-Quddiesa*, f'*Egħluq il-jum*, fiċ-*Ċelebrazzjoni Penitenzjali*, aħna nidħlu daħla fina nfusna biex nimmarkaw in-nuqqasijiet tagħna. Huwa meħtieġ is-skiet, għax il-bniedem, naturalment supperv, isibha bi tqila jeżamina lilu nnifsu u jammetti ħtijietu.

■ Fil-Quddiesa, wara kull sejħa għat-talb, ninġabru fis-skiet biex ngħarfu lil



*F'mumenti ta' ġabra qalbna ssib il-paċi għax tiltaqa' ma' Alla.*

min qegħdin nitolbu, kemm aħna fqar quddiem dak li miegħu qegħdin nittrattaw, kemm għandna bżonn ta' Kristu biex nersqu lejn il-Missier.

■ Wara l-Qari u wara l-Omelija nieqfu ftit biex naraw x'messaġġ irid jagħtina Ġesù individwalment. F'waqtiet ta' skiet naraw x'laqatna, x'jgħodd għalina, x'tgħallimna, x'niftakru, x'se nipprattikaw. Jekk dan ma jsirx, il-Qari u l-Omelija jkunu *kliem, kliem u kliem.*

■ Wara t-Tqarbin, il-Knisja tridna nżommu mumenti ta' skiet biex ningħaqdu iktar personalment ma' Kristu, infaħħruh, nifirħu bih, inkellmuh u nitolbuh. Mela, il-Knisja tgħidilna nżommu ftit skiet sebaʼ darbiet fil-Quddiesa.

■ Fl-Espożizzjoni Ewkaristika, barra t-talb kollettiv ta' tifħir u ħajr, jiswa' ħafna l-ħin tas-skiet għal sentimenti ta' adorazzjoni personali ntima u ammirazzjoni għall-imħabba ta' Ġesù lejna.

■ Fl-Uffiċċju Divin, is-silenzju għandu postu wara l-antifona, fi tmiem is-salmi, jew wara l-lezzjoni.

Dan is-skiet fil-Liturġija, il-Knisja ssejjaħlu *skiet qaddis*, *skiet tal-qalb*, *skiet irrakkomandat*, biex aħna ngħarfu nagħtuh il-valur li ħaqqu.

**Eżempju minn Kristu**

L-aqwa opri ta' Alla jsiru fis-skiet: l-Inkarnazzjoni, l-Ewkaristija, il-qdusija tal-bnedmin – għaliex Alla jiggosta s-skiet.

San Luqa jurina l-Omm ta' Ġesù f'atteġġjament ta' skiet, taħseb f'qalbha fuq il-misteru ta' binha. San Mattew igħidilna fuq San Ġużepp, il-qaddis sieket, rassenjat, li jobdi fis-skiet.

U Ġesù jgħaddi tletin sena minn ħajtu fl-ubbidjenza, fix-xogħol u fis-skiet. Jibda l-ħajja pubblika tiegħu fid-deżert, ġranet ta' talb u skiet. Sikwit kien iqatta' l-iljieli fit-talb lil Alla. Hu stieden ukoll l-Appostli: *"Ejjew miegħi, intom biss, waħedkom, f'post imwarrab, u strieħu ftit,"* għax kultant lanqas kellhom żmien jieklu. X'tagħlima għalina meta nkunu fgati bix-xogħol, anki pastorali u forsi naħsbu li jekk nieqfu tispiċċa d-dinja!

Kristu żamm is-skiet ukoll fil-passjoni: maħqur, ikkundannat, sfidat. Iżda l-aqwa fatt kontinwu li għandu jimpressjonana u jiskantana huwa s-skiet ta' Ġesù fl-Ewkaristija. Tassew li hawnhekk Hu xejjen lilu nnifsu u qatt ma jipprotesta. Ikellimna fis-skiet, l-aktar lil dawk li jiggostaw is-skiet tiegħu u joqogħdu quddiemu, sempliċiment iħarsu lejh fit-Tabernaklu. Dan hu s-silenzju melodjuż tal-imħabba ta' Alla.

**Frott**

Fil-ħajja spiritwali, is-skiet huwa l-qofol ta' kull virtù:

- Hemm skiet tal-fomm li jħares il-karità, il-kastità, l-umiltà, il-manswetudni . . .

- Hemm skiet tal-moħħ li jwarrab l-ispirtu tad-dinja u jsib 'l Alla bħalma sabu Elija (1 Slaten 19,1–14). Hawn tidħol il-meditazzjoni li tkabbar fina mentalità reliġjuża soda, mibnija mhux fuq it-Teoloġija li studjajna, iżda fuq it-Teoloġija li aħna tgħallimna għarkobbtejna (Rahner).

- Hemm skiet tal-qalb li tiggosta 'l Alla l-Missier, lil Kristu (fl-Evanġelju, fl-Ewkaristija, fil-Knisja, fil-proxxmu); tiggosta l-imħabba ħelwa u s-sbuħija ta' Marija Immakulata; tiggosta wkoll il-meravilji tal-ħolqien li fihom tara l-id ta' Alla, u tinfexx tfaħħru: *Qaddis, qaddis, qaddis* . . . jew tingħaqad mal-ħlejjaq kollha: *Bierku, egħmejjel kollha tal-Mulej, lill Mulej*; *faħħruh u għolluh għal dejjem.* Dan inissel fina paċi li ma titfissirx bil-kliem u kuraġġ kbir fl-appostolat.

Is-skiet irawwem fina l-ispirtu ġenwin tat-talb u l-grazzja taħdem bla waqfien fil-ħajja tagħna individwali u ekkleżjali.

**Dun Karm Bezzina**


# Jum l-Omm

***Għall-okkażjoni ta' Jum l-Omm, il-Ħadd, 8 ta' Mejju 1988, id-Direzzjoni* DAWL FRANĠISKAN *tixtieq lill-Ommijiet kollha kull barka ta' Alla għas-sehem kbir tagħhom lejn il-familja u s-Soċjetà***

